# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 42**

**11 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fl-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**ASSENTI:**
Victor Cefai – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Daniel Galea - Accountant

## Minuti

### 42.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

Il-membri mhux kollha kienu preżenti għal-laqgħa izda ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Ma kienx hemm Minuti x'jigu approvati.

### 42.3 Approvazzzjoni tal-*Financial Statements 2018*.

Il-*Financial Statements* ġew ipprezentati mill-*accountant* tal-Kunsill u dawn gew approvati unanimament u gew iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

L-Accountant halla il-laqgha fis-6.00pm

### 42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

42.4.1 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li hemm bzonn li issir laqgha mal-kuntrattur fil-jiem li gejjin kif ukoll jigi iffirmat il-kuntratt tal-asfaltar ta' parti minn Triq il-Ghajn.

42.4.2 Is-Sindku informa lil Kunsill li twahhlu zewg bins fi pjazza l-ghejjun u ippropona li iehor jigi imwahhla fi Triq Sptar San Giljan u iehor fejn l-Ghajn ta' Bendu.

42.4.3 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-haddiema tal-Community Workers' Scheme gew rilokati u ma ghadhomx jahdmu mal-Kunsill Fontana.

42.4.4 Il-Kunsill gie mgharraf li peress li il-Karnival huwa wisq vicin mhux ser issir il-kompetizzjoni tal-kostumi kif kien deciz fil-laqgha precedenti.

Il-Kunsillier Mario Mercieca halla il-laqgha fis-6.15pm.

42.4.5 Is-Sindku wera ix-xewqa li jattendi ghall-laqgha plenarja li ser issir fil-weekend li gej gewwa lukanda Ghawdex.

42.4.6 Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm bzonn titranga il-mera fi Triq Qalb ta' Gesu', tigi invellata il-bankina fi Triq il-Ghajn quddiem zewg residenzi peress li kien hemm xi ilmenti dwar il-bankina.

## 42.5 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30 p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu 2019 fil-5.30p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Manolita Farrugia** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |